# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Distrett Qormi**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mark Ciantar**
**Carmel Bugeja**

**Illum, 20 ta' Lulju, 2022.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Mark Ciantar, bin-numru tal-karta tal-identità 123858M, u kontra Carmel Bugeja, bin-numru tal-karta tal-identità 769456M, li permezz tagħhom ġew akkużati talli:

> *"...f'Jannar 2021 u fil-granet u xhur precedenti f'Malta,*
>
> *Bhala il-persuni responsabbli mit-tmexxija u s-sorveljanza tal-Qormi Shooting Club gewwa tal-Handaq*

1) *B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni taghkhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunajtu ħruq jew għamilt xi ħsara jew għarraq xi ħaġa għad-dannu ta' John Mary Gerada;*
2) *Ġibtu ruħkhom b'tali mod li tajtu fastidju lil John Mary Gerada".*

Semgħet il-provi prodotti;

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat li din il-kawża tinsab differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

Fl-ewwel lok, jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, dwar l-involviment ommeno, tal-imputat Carmel Bugeja. In fatti, il-liċenzji li tressqu, ilkoll issemmu lil terzi persuni u lil Mark Ciantar, iżda mhux lil Carmel Bugeja. Ma tressqitx ċertament, l-aħjar prova dwar l-allegat involviment ta' Carmel Bugeja fil-Qormi Clay Shooting Club.

Għaldaqstant, għal dak li għandu x'jaqsam ma' Carmel Bugeja, li ġie mħarrek bħala persuna responsabbli mit-tmexxija u s-sorveljanza tal-Qormi Shooting Club ġewwa Tal-Ħandaq, din il-Qorti sejra tillibera lill-istess Carmel Bugeja.

Dwar l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra Mark Ciantar, jingħad is-segwenti. Jirriżulta mill-provi u mill-istess taħrika, illi dan ir-reat ġie lilu addebitat bħala rappreżentant ta' klabb, billi hu ma kienx fiżikament responsabbli għall-aġir li allegatament wassal għall-event dannuż, mertu tal-każ.

Illi dwar ir-responsabbiltà vikarja, jitkellem l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola illi:-

> *"Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat".*

Skont l-Artikolu 13 tal-Interpretation Act (Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta), meta xi reat isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat, kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha, u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat. Minn qari tal-istess artikolu, jirriżulta li dan ifisser allura, illi ir-responsabbiltà kriminali hija waħda personali, u mhux waħda rappreżentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp ċivili. Għalhekk, ma hemmx għalfejn li l-appellant jiġi ċċitat fil-vesti ta' direttur, jew in rappreżentanza ta' xi soċjetà kummerċjali. Biżżejjed li jiġi ċċitat b'mod ċar għal dak li jirrigwarda l-konnotati tiegħu personali, basta li mill-korp tal-akkuża jkun jidher ċar, li qed jiġi mħarrek jew akkużat minħabba r-responsabbiltà vikarja tiegħu bħala uffiċjali/diretturi tal-korp u mhux għal xi raġuni oħra.

Kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament ippreseduta (Onor. Prim' Imħallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici [26.5.1995]:-

> *"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-*

*tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

Iżda:

*"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuza — mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu."*

Illi mill-provi jirriżulta, li Qormi Shooting Club għandu l-liċenzji kollha neċessarji biex jopera bħala *shooting club,* hekk kif del resto ilu jopera għal għexieren ta' snin. Minn eżami ta' wħud mill-liċenzji maħruġa, hemm imniżżel li l-liċenzja qiegħda fuq isem Mark Ciantar.

F'dan il-każ, jirriżulta li l-ilment tal-kwerelant huwa, li qed issir ħsara lis-siġar, ħamrija u lill-proprjetà tiegħu, minħabba ċ-ċomb u plattini, li minn din ix-*shooting range* jispiċċaw ġol-proprjetà tal-kwerelant. Din il-Qorti qieset minn dak li rriżulta mill-provi, ix-*shooting range* huwa kopert bil-permessi kollha, u ilu jopera għal għexieren ta' snin. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-kwerelant, li huwa kkonverta xagħri li kien hemm oriġinarjament fl-akwati, f'għalqa, u beda jiżragħha bis-siġar u l-prodotti. Madanakollu, irriżulta wkoll li huwa kien ilu ben konsapevoli, li din il-proprjetà kienet viċin ta' din ix-*shooting range*. Irriżulta wkoll li l-istess kwerelant, lanqas ma ottjena l-permessi relattivi biex jikkonverti din l-art li kienet xagħri, f'għalqa bil-ħamrija.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-eżerċizzju ta' diligenza xierqa biex tevita l-għemil ta' reati mill-klabb in kwistjoni, jimplika neċessarjament, sorveljanza adegwata tal-affarijiet tal-klabb, sabiex jiġi assikurat li l-klabb jottempera ruħu mal-Liġi. Huwa f'każ li l-persuna responsabbli tonqos milli tissorvelja adegwatament l-affarijiet tal-klabb, li jista' jinstab responsabbli għal dak ir-reat. Il-Liġi tirrikjedi u tesiġi, li tkun eżerċitata sorveljanza attiva u kontinwa, biex ikun qed jiġi osservat jekk il-klabb ikunx qed jottempera ruħu mal-Liġi. Fil-fatt, dwar x'tip ta' diliġenza jrid jeżerċita d-direttur, Smith & Hogan, fil-ktieb tagħhom Criminal Law, jgħidu:

*"The degree of care is the average or normal degree of care expected from the particular individual and it is not a superlative degree of care. That is, the reasonable man is not he who is most reasonable, but just the normal type of reasonable man. The law requires not that who is extraordinary but that which is reasonable, that is, that diligent which from Roman times has been known as the "diligentia bonus paterfamilias".*

In fatti, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fil-kawża fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Anthony Zahra et, deċiża fid-19 ta' Lulju, 2016, spjegat li d-direttur mhux responsabbli għal dak kollu li jiġri fil-kumpanija, iżda jekk jieħu ħsieb li jkollu l-infrastruttura tajba u jieħu ħsieb li jimpjega esperti f'ċerti oqsma tax-xogħol, u dan nonostante jiġri inċident, id-direttur m'għandux jinżamm responsabbli. Fil-fatt, kif ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija v Hugh David McCandie, deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar l-1 ta' Settembru, 1983, ingħad li:-

*"Such criminal responsibility is not absolute and the main officer of a company can plead non answerability if he can prove two things; namely that the offence was committed without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commission of the offence.*

*Otherwise he would be answerable just as if he himself had committed the offence."*

Il-Qorti, f'dik il-kawża, Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Anthony Zahra et, deċiża fid-19 ta' Lulju, 2016, issottolinjat li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova n-nexus bejn l-inċident li seħħ, u ċioè l-feriti li ġarrab Hector Zammit, mal-pożizzjoni li jokkupa Anthony Zahra, ċioè trid tipprova ċ-*chain of causation*, u ċioè li minħabba t-traskuraġni, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta' Anthony Zahra, seħħew il-feriti ta' Hector Zammit.

Il-Qorti tqies li dan in-nexus, ma ġiex ippruvat mill-Prosekuzzjoni u parte ċivile f'din il-kawza odjerna. Ma rriżultax li ġie ppruvat li kien hemm xi nuqqas ta' sorveljanza adegwata da parti tal-imputat Ciantar, sabiex jiġi assigurat li l-klabb qed jottempra ruħu mal-Liġi. Kien mill-banda l-oħra l-kwerelant, li pproċeda b'mod abbużiv, u kkonverta xagħri f'għalqa, billi żied ħamrija mingħajr ma kellu l-permessi neċessarji, u issa qed jilmenta minn attività li ilha ssir għal għexieren ta' snin, u li skont hu, qed tikkaġunalu ħsarat f'dik l-azzjoni illegali li pproċeda biha.

Għalhekk, l-imputat Mark Ciantar sejjer jiġi lliberat mill-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni, l-Artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9 jirrikjedi li l-awtur tar-reat, irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lill-vittma tiegħu bl-imġieba tiegħu. Tant hu hekk, illi din l-intenzjoni tissarraf f'imġieba volutament ripetuta u intenzjonata, sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imġieba li qed toħloq fastidju, u dik li toħloq sempliċement inkonvenjent. Tant hu hekk illi:

> *"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda*

*ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna."* (Ara l-appell kriminali, Il-Pulizija vs Massimo Tivisini).

Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno, huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv, filwaqt peró, li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ, u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lill-kwerelant jieħu l-passi li ħa.

Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Raymond Spiteri, tas-26 ta' Mejju, 2016, intqal li:

*"L-azzjoni tal-appellant, tista' tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix minn dik tal-fastidju li f'dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta' zamma ta' annimali f'tali stat li b'intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta' fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop."*

*Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-azzjoni tal-appellant fiz-zamma tal-annimali tieghu qed tohloq inkonvenjent ghal diversi girien u kien jispetta lil dawk il-persuni, allura l-kwerelanti, jghidu ghaliex jahsbu li l-appellant qieghed bl-azzjoni tieghu, johloq dan il-fastidju."*

Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta, fl-ismijiet, Pulizija vs Grazzio Falzon, deċiża fid-29 ta' Ottubru, 2019, din il-Qorti qalet hekk dwar imputazzjoni simili, li kienet tressqet in konnessjoni ma' lmenti simili, għalkemm mhux identiċi għal dawn odjerni :

*"Illi t-tieni akkuza hija dik tal-fastidju kif mahsub fl-artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9 taqra:*
*(1) Persuna li:*
*(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew*
*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun tafli dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew*

*(ċ) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att ta' intimitàfiżika; jew*
*(d) titlob favuri sesswali mingħand persuna oħra; jew*
*(e) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att u, jew imġiba li jkollhom kon-notazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jist-għu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi,umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha,tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.*

*(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.*

*(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li: (a) l-imġiba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxijew tikxef xi delitt; jew (b) l-imġiba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew (ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli.*

*(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:*

*Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi peruna msemmija fl-artikolu 222(1)*

*Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi ssanzjo-nata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.*
*"Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:*

*'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing*

*with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.*

*Two incidents can constitute a ' course of conduct' but the fewer the incidents and the greater theri separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon."(App. Inf. il-Pulizija vs Carmelo Vella – 14/05/2012)*

*Referenza ghandha ssir ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza deciza fid-29 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spet. Elton Taliana) Vs Denise Falzon:*

*"Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tarreat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. Tant hu hekk illi: "L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. ....*

*Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis- subinciz (3)( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna. (Il-Pulizija vs Massimo Tivisini) Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn '...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", ...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar- retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din, il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-*

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il- Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero' li jittieħed qies talfattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ- ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa. Illi f'kaz konsimili din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sahhqet:*

*"L-azzjoni tal-appellant, tista' tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix minn dik tal-fastidju li f'dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta' zamma ta' annimali f'tali stat li b'intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta' fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop."*

*Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-azzjoni tal-appellant fiz-zamma tal-annimali tieghu qed tohloq inkonvenjent ghal diversi girien u kien jispetta lil*

*dawk il- persuni, allura l-kwerelanti, jghidu ghaliex jahsbu li l-appellant qieghed bl-azzjoni tieghu, johloq dan il-fastidju." (Il-Pulizija vs Raymond Spiteri App. Inf. 26/05/2016)*

*Din il-Qorti tqies li ghalkemm il-parti leza ressaq provi dwar dak li jikkostit-wixxi l-inkonvenjent li qed jigi ikkrejat lilu mill-imputat, madanakollu ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi dan l-agir da parti tal-imputat kien specifikatament intenzjonat sabiex idejjqu jew jivvessah.*

*Irrizulta li l-imputat bl-ghajnuna ta' bintu u r-ragel taghha segwa r-rakko-mandazzjonijiet moghtija lilu mill-ufficjali ta' sanita u assigura ruhu li l-post jinzamm nadif filwaqt li ha l-mizuri biex joqtol il-grieden li jidhlu fl-istess proprjeta' tieghu.*

*Dan ifisser allura illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ir-reat ravvizat fl- artikolu 251A tal-Kodici Kriminali ma isibx applikazzjoni u allura din il-Qorti tqies li din it-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata."*

Fid-dawl tal-prinċipji fuq esposti, din il-Qorti tqies li fil-każ odjern, il-parti allegatament leża spjegat l-inkonvenjent li qed jiġi kkrejat lilu, allegatament mill-imputat bħala l-persuna responsabbli għall-Qormi Shooting Club. Madanakollu, il-Prosekuzzjoni naqqset li tressaq prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, illi dan l-allegat aġir da parti tal-imputat, kien speċifikatament intenzjonat sabiex idejjaq jew jivvessa lil John Mary Gerada.

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra wkoll tillibera lill-imputat Mark Ciantar, minn din it-tieni imputazzjoni.

**DECIDE**

Għar-raġunijiet hawn fuq sottomessi, din il-Qorti qed tillibera lill-imputati minn kull kundanna u ħtija.

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur